# **Sir Temistokle Zammit**




Temistokle Zammit twieled il-Belt Valletta fit-30 ta' Settembru 1864. Wara li studja fil-Liċeo u fl-Universita' ta' Malta hu ggradwa bħala Tabib fl-1889. Fl-1905 inħatar Professur tal-Kimika fl-istess Universita', li tagħha mbagħad inħatar ir-Rettur fis-sena 1920. Din il-kariga hu baqa' jżommha sa l-1926 meta qatagħha li jiddedika kemm ħinu kif ukoll il-ħiliet intellettwali mhux komuni tiegħu lill-Mużew Nazzjonali, speċjalment fil-qasam arkeoloġiku.

Sir Temi, kif kien popolarment jissejjaħ, kien bniedem versatili ħafna. Kien jinteressa ruħu f'kotra mżewqa ta' suġġetti u kien kittieb produttiv ħafna, kif jixhdu l-pubblikazzjonijiet kotrana tiegħu. L-ewwel darba li hu ssemma fl-oqsma medikali internazzjonali bħala xjentist medhi fix-xogħol tat-tiftix dwar kif kien jittieħed id-deni rqiq kien minħabba r-rabta tiegħu ma' Sir Ronald Ross u t-tkomplija tiegħu tax-xogħol ta' Sir David Bruce (li minn ismu ttieħed isem il-mikrobu ta' l-imsemmi deni, Brucella melitensis) fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin meta hu kien sab dan il-mikrobu fil-ħalib tal-mogħoż. Fl-1920 hu ngħata l-*Mary Kingsley Medal* mill-Iskola tal-Mediċina Tropikali ta' Liverpool.

Ismu sar magħruf ukoll minħabba t-taħfiriet arkejoloġiċi li hu kien iwettaq fl-imkejjen preistoriċi tal-Gżejjer Maltin kif ukoll minħabba kitbietu mgħallmin dwar il-materjali misjuba fihom.

Il-pubblikazzjonijiet tiegħu jħaddnu fihom ukoll l-istorja ta' Malta, il-litterattura, il-kultura u l-edukazzjoni. It-tagħlim u l-merti tiegħu kisbu għarfien minn bosta istituzzjonijiet internazzjonali. Fl-1911 l-Ingilterra weġġħitu bil-għotja ta' Msieħeb ta' l-Ordni ta' *St Michael u St George*, u fl-1930 ħatritu *Knight Bachelor* ta' l-istess Ordni. Fl-1920 l-Universita' ta' Oxford ippreżentatu bil-grad onorarju ta' Duttur tal-Litteratura u fl-1932 hu tlaħħaq *Officier d'Academie* tar-Repubblika Franċiża.

Sir Temistokle Zammit miet fit-2 ta' Novembru 1935.

Il-wiċċ tal-munita juri l-Arma ta' Malta u s-sena tal-ħruġ 2006.

Fuq l-irġejjen tidher xbieha ta' Sir Temistokle Zammit bid-dati ta' twelidu u mewtu. Il-munita qiegħda tinħareġ taħt "Il-Programm Europa 2006 – Personalitajiet". L-*Europa Star*, li hi l-logo uffiċċjali ta' dan il-programm, tidher ukoll fuq in-naħa ta' wara tal-munita.

Id-disinn tal-munita, li nħadmet miz-Zekka Rjali Olandiża, hu xogħol l-artist Malti Noel Galea Bason.

| **Tip** | **Denominazzjoni** | **Diametru (mm)** | **Użin Gross (g)** | **Titlu** | **Titolu massimu ta' muniti li jistgħu jinħadmu** |
|---|---|---|---|---|---|
| Fidda "Proof" | Lm5 | 38.61 | 28.28 | 0.925 | 15,000 |